

4) Ramón González Calvet, is-SRB u r-Renju ta' Spanja għandhom ibatu l-ispejjeż propriji tagħhom relatati mat-talba ta' intervent tar-Renju ta' Spanja.

(<sup>1</sup>) ĠU C 209, 22.6.2020.

**Digriet tal-Qorti Ġeneral ta' Novembru 2020 – Moloko Beverage vs EUIPO – Nexus Liquids (moloko)**

(Kawża T-383/20) (<sup>1</sup>)

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Irtirar tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2021/C 19/56)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Moloko Beverage GmbH (Göppingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Wieland, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Nexus Liquids GmbH (Bad Salzuflen, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Schembecker, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Marzu 2020 (Każ R 1485/2019-5), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Nexus Liquids u Moloko Beverage.

**Dispożittiv**

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni.
- 2) Moloko Beverage GmbH u Nexus Liquids GmbH huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom stess, kif ukoll, kull waħda, nofs l-ispejjeż tal-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

(<sup>1</sup>) ĠU C 262, 10.08.2020.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġeneral tad-29 ta' Ottubru 2020 – Facebook Ireland vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-451/20 R)

("Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kompetizzjoni – Talba għal informazzjoni – Artikolu 18(3) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Talba għal miżuri provviżorji – Urġenza – Fumus boni juris – Ibbilanċjar tal-interessi")

(2021/C 19/57)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Facebook Ireland Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: D. Jowell, QC, D. Bailey, barrister, J. Aitken, D. Das, S. Malhi, R. Haria, M. Quayle, solicitors, u T. Oeyen, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Conte, C. Urraca Caviedes u C. Sjödin, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 3011 final tal-4 ta' Mejju 2020 dwar proċedura skont l-Artikolu 18(3) u l-Artikolu 24(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ AT.40628 – Prattiki ta' Facebook relatati mad-data).

## Dispożittiv

- 1) L-eżekuzzjoni tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2020) 3011 final tal-4 ta' Mejju 2020 dwar proċedura skont l-Artikolu 18(3) u l-Artikolu 24(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ AT.40628 – Prattiki ta' Facebook relatati mad-data) sa fejn l-obbligu stabbilit fih jirrigwarda d-dokumenti li ma humiex marbuta mal-attivitajiet kummerċjali ta' Facebook Ireland Ltd u li jinkludu data personali sensittiva, u sakemm ma tkunx implimentata l-proċedura msemmija fil-punt 2, hija sospiża.
- 2) Facebook Ireland għandha tidentifika d-dokumenti li jinkludu d-data msemmija fil-punt 1 u tibgħathom lill-Kummissjoni fuq mezz elettroniku separat. Dawn id-dokumenti mbagħad għandhom jitqiegħdu fkamra ta' data virtwali li għandha tkun aċċessibbli għal numru kemm jiċċi' jkun limitat ta' membri tat-tim inkarigat bl-investigazzjoni, fil-preżenza (virtwali jew fiżika) ta' numru ekwivalenti ta' avukati ta' Facebook Ireland. Il-membri tat-tim inkarigat bl-investigazzjoni għandhom jeżaminaw u jagħżlu d-dokumenti inkwistjoni, filwaqt li jagħtu l-possibbiltà lill-avukati ta' Facebook Ireland li jikkumentaw dwarhom qabel ma d-dokumenti meqjusa rilevanti jiġu inklużi fil-fajl. F'każ ta' nuqqas ta' qbil fuq il-klassifikazzjoni ta' dokument, l-avukati ta' Facebook Ireland għandhom id-dritt li jispiegaw ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil tagħhom. F'każ ta' nuqqas ta' qbil persistenti, Facebook Ireland tista' tibda proċedura ta' arbitraġġ quddiem id-Direttur tal-Informazzjoni, tal-Komunikazzjoni u tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali "Kompetizzjoni" tal-Kummissjoni.
- 3) Il-kumplament tat-talba għal miżuri provviżorji huwa miċħud.
- 4) Id-digriet tal-24 ta' Lulju 2020, Facebook Ireland vs Il-Kummissjoni (T-451/20 R), huwa rrevokat.
- 5) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

## Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Ottubru 2020 – Facebook Ireland vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-452/20 R)

*("Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kompetizzjoni – Talba għal informazzjoni – Artikolu 18(3) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Talba għal miżuri provviżorji – Urġenza – Fumus boni juris – Ibbilanċjar tal-interessi")*

(2021/C 19/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrent: Facebook Ireland Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: D. Jowell, QC, D. Bailey, barrister, J. Aitken, D. Das, S. Malhi, R. Haria, M. Quayle, solicitors, u T. Oeyen, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Conte, C. Urraca Caviedes u C. Sjödin, aġenti)